Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,804, 9 ta' Settembru, 2011

Taqsima B

A.L. 353 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science– B.Sc. (Hons) Health Science – taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Institute of Health Care, ippubblikati bħala Avviż Legali 295 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. L-ordinamenti 4 u 5 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

3. L-ordinamenti 6 sa 9 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Emenda għat-titolu tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok it-titolu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa"

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) Health Science - B.Sc. (Hons) Health Science; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok is-sottoparagrafu (iii) tal-paragrafu (2) l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) li bħalissa qegħdin jaħdmu bħala superviżur kliniku fi programmi tax-Xjenzi tas-Saħħa sal-ewwel grad (piż ta' 20 %);"

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 80 krettu. L-istudenti għandhom jirreġistraw għal mhux anqas minn 10 kretti u mhux aktar minn 40 krettu kull sena."

Iż-Żieda tal-ordinament 8 mal-ordinamenti prinċipali

8. L-ordinament 8 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

"8. L-istudenti li jkunu temmew b'suċċess il-kors għas-Certificate in Clinical Nursing Practice jkunu jistgħu jitħallew jittrasferixxu t-taqsimiet studju li jkunu segwew matul dan il-kors għall-kors li jwassal għall-Grad bil-kundizzjoni li huma jirrinunzjaw għaċ-Ċertifikat."

9. L-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 u 10.